**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**

# 8 LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 011

**It-Tnejn, 25 ta' Novembru, 2019**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Farrugia (JF) | Sindku |
| Is-Sur Scott Camilleri (SC) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Josette Busuttil (JBD) | Kunsillier |
| Is-Sur Sandro Alex Caruana (AC) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Doriana Portelli (DP) | Kunsillier |
| Is-Sinjura Maria Mifsud ( MM) | Kunsillier |
| Is-Sur Carlo Stivala ( CS) | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Kunsillier |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (1)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**
Nil

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Is-Sur Duncan Hall – Deputat Segretarju Ezekuttiv

Is-Sur Joseph Farrugia, Sindku, ppresjeda

## Minuti

## 11.1 Qari ta' ittri ta' apologiji;

11.1.1 Ma kienx hemm

## 11.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

11.2.1 Il-Minuti tas-seduta numru 8 tat-tmien legislatura kienu gew imqassma lill-Kunsilliera qabel is-seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

11.2.2 Wara konsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sa. Josette Busttil ssekondata mis-Sur Stanley Zammit, il-minuti ġew approvati b'vot unanimu.

11.2.3 Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bhala dokument korrett.

11.2.4 Il-Minuti tas-seduta numru 9 tat-tmien legislatura kienu gew imqassma lill-Kunsilliera qabel is-seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

11.2.5 Wara konsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sa. Josette Busttil ssekondata mis-Sa. Maria Mifsud, il-minuti ġew approvati mod unanimu.

11.2.6 Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bhala dokument korrett.

11.2.7 Il-Minuti tas-seduta numru 10 tat-tmien legislatura kienu gew imqassma lill-Kunsilliera qabel is-seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

11.2.8 Wara konsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Scott Camilleri ssekondata mis-Sur Carlo Stivala, il-minuti ġew approvati b'vot unanimu.

11.2.9 Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bhala dokument korrett.

## 11.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku;

11.3.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi wara laqgha li kellu, kien gie infurmat illi l-progett li l-Freeport kien qieghed jippjana li jimplimenta fiz-zona ta' Wied il-Buni kien ser ikun qieghed temporanjament jigi sospiz. Dan minhabba nuqqas fil-klijentela li kien qieghed jesperjenza l-istess Freeport.

11.3.2 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera illi b'konnessjoni ma' numru ta' laqghat li kienu inzammu u ma korrispondenza li kien hemm, il-Kunsill Lokali kien gie infurmat mill-Ministeru ghat-Turizmu illi t-talba tal-Kunsill Lokali sabiex fi Triq San Patrizju jinsaq traffiku f'zewg direzzjonijiet fi progett li l-istess Ministeru kien qieghed jimplimenta kienet giet milqugha u kien ser ikun hemm modifika tal-pjanti.

11.3.3 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kienu ingabru xi stimi bil-ghan illi jsir xoghol temporanju fuq gonna u soft areas fil-lokalita'.

11.3.4 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera illi wara li kien iddiskuta mal-istess membri tal-Kunsill Lokali kienu ser isiru l-preparamenti mehtiega bil-ghan illi nhar it-Tnejn 16 ta' Dicembru 2019 fis-6:00p.m. tinzamm il-laqgha Generali Annwali tal-Kunsill Lokali fis-sala tal-binja amministrattiva

## 11.4 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri

11.4.1 Is-Sur Stanley Zammit staqsa jekk kenitx intbaghtet ittra li kellha tintbaghat mill-Kunsill Lokali rigward Triq San Dwardu
Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv informa lis-Sur Zammit illi kien ser ikun qieghed jivverifika jekk l-ittra kenitx intbaghtet.

11.4.2 Is-Sur Stanley Zammit staqsa jekk kenitx intbaghtet ittra lil kumpanija li kienet qieghda tikri muturi u thallihom f'diversi zoni ta' Birzebbuga.
Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv informa lis-Sur Zammit illi l-imsemmija ittra kienet intbaghtet.

11.4.3 Is-Sur Stanley Zammit staqsa jekk kienx ghadu ppjanat li ssir konsultazzjoni pubblika rigward immaniggjar ta' traffiku f'numru ta' toroq fil-lokalita'.
Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi l-materja kienet ser tkun qieghda tigi diskussa aktar tard waqt l-istess seduta.

11.4.4 Is-Sur Stanley Zammit staqsa lill-Kunsill Lokali jekk kienx hemm xi zviluppi rigward kwistjoni li l-Kunsill Lokali kellu mal-kumpanija GOTO.
Is-Sindku meghjun mill-Kunsillier Alexander Caruana aggornaw lill-Kunsill Lokali bis-sitwazzjoni.

11.4.5 Is-Sur Stanley Zammit aggorna lill-Kunsill Lokali rigward lampa li kellha tigi installata fi Triq iz-Zebbug.

11.4.6 Is-Sur Stanley Zammit staqsa jekk kienx hemm xi zviluppi rigward automated barriers li kien hemm qbil li kellhom jigu installati
Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi ma kien hemm ebda zvilupp dwar il-materja.

11.4.7 Is-Sur Stanley Zammit staqsa lis-Sindku jekk kienx ikun opportun illi tinhareg sejha ghall-offerti ghall-manutenzjoni ta' hitan tas-sejjieh.
Is-Sindku flimkien mal-Kunsilliera ddiskutew il-materja u l-htiega li fil-futur qarib ikun hemm diskussjoni dwar il-materja.

11.4.8 Is-Sur Stanley Zammit qal illi fl-opinjoni tieghu il-Kunsill Lokali kellu jibghat ittra ta' ringrazzjament ghall-fatt illi fil-lokalita' kienu bdew joperaw pulizija permezz ta' segway liema inizjativa kienet qieghda thalli l-frott.

11.4.9 Is-Sur Stanley Zammit staqsa jekk kienx hemm xi zviluppi rigward ix-xoghol relatat ma' Measure 4.
Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali bis-sitwazzjoni tal-mizura msemmija.

11.4.10 Is-Sur Stanley Zammit staqsa lis-Sindku jekk kienx hemm il-hsieb illi jsiru konki jew pots ghal sigar fi Triq Zarenu Dalli.
Is-Sindku wara diskussjoni mal-Kunsilliera sahaq illi dwar il-materja kienet ser tkun qieghda tintalab laqgha lil Infrastructure Malta.

11.4.11 Is-Sur Stanley Zammit staqsa lis-Sindku jekk kienx hemm informazzjoni dwar liema toroq u bankini kienu ser isiru mill-gdid minn Infrastructure Malta matul is-sena 2020.
Is-Sindku informa lill-Kunsillier Zammit illi l-informazzjoni kienet ser tkun qieghda tintalab lil Infrastructure Malta waqt laqgha li l-Kunsill Lokali kien qieghed jippjana li jkollu mal-istess entita'

11.4.12 Is-Sindku staqsa lis-Sur Stanley Zammit u d-Deputat Segretarju Ezekuttiv jekk kienx hemm xi pjanijiet dwar il-pjan ta' hidma.
Id-deputat Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali bil-process legali li kellu jigi segwit.

11.4.13 Is-Sur Stanley Zammit staqsa lill-Kunsill Lokali jekk kienx hemm xi zviluppi b'konnessjoni ma' ftehim ta' gemellagg li l-Kunsill Lokali kien qieghed jahdem dwaru flimkien ma' Regjun mic-Cina.
Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi ma kien hemm ebda zvilupp dwar il-materja.

11.4.14 Is-Sur Stanley Zammit staqsa dwar progett ta' afforestazzjoni fiz-zona ta' Benghisa u jekk kienx possibbli li tintalab laqgha dwar il-materja.
Is-Sindku informa lis-sur Zammit illi ma kellu ebda problema jitlob laqgha dwar il-progett.

11.4.15 Is-Sur Stanley Zammit staqsa jekk kienx hemm xi komunikati mal-Perit Sharon Mallia mill-ufficcju tal-Perit William Lewis.
Is-Sindku u d-Deputat Segretarju Ezekuttiv aggornaw lill-Kunsillier Zammit dwar il-materja.

11.4.16 Il-Kunsilliera Doriana Portelli staqsiet jekk kienx hemm xi zviluppi rigward problemi ta' gharghar li kien qieghed ikun hemm f'Tank Street.
Is-Sindku aggorna lill-Kunsill Lokali b'dak li kien qieghed isehh rigward l-imsemmija problema.

11.4.17 Il-Kunsilliera Doriana Portelli staqsiet jekk kenitx instabet soluzzjoni ghal problema ta' gharghar li kien qieghed ikun hemm fi Triq iz-Zibra kull meta taghmel ix-xita.
Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi fl-opinjoni tieghu kellu jsir survey u tigi evalwata l-possibilita' illi jsir *culvert.*

11.4.18 Is-Sur Joseph Baldacchino staqsa lill-Kunsill Lokali dwar dwal biswit *pedestrian crossings*.
Is-Sindku meghjun mill-Kunsillier Stanley Zammit aggornaw lill-Kunsill Lokali bix-xogholijiet li kienu qieghdin isiru fir-rigward.

11.4.19 Il-Kunsillier Joseph Baldacchino informa lill-Kunsill Lokali b'harga kulturali ghall-anzjani li kien qieghed jikkordina ghal Dicembru 2019. Is-Sur Baldacchino sahaq illi l-ispejjez relatati mal-istess attivita' ma kellhomx jeccedu t-tliet mitt ewro.

11.4.20 Is-Sur Carlo Stivala staqsa lis-Sindku jekk kienx possibbli li tintbaghat korrispondenza lic-Chief Executive Officer tal-korporazzjoni Enemalta rigward il-parkegg ta' biswit l-istabbiliment Al Fresco.
Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kien ser ikun qieghed jevalwa l-possibilita' illi hekk kif mitlub tintbaghat ittra.

11.4.21 Is-Sur Carlo Stivala qal illi wara li kellu diskussjonijiet mal-amminsitrazzjoni xtaq illi jkunu revisti l-prezzijiet tal-kiri ta' pitch li kien hemm fil-bajja s-sabiha.
Is-Sindku informa lill-Kunsillier Stivala illi min-naha tieghu ma kellu ebda problema kemm il-darba s-sur Stivala jahdem fuq il-materja u tigi mressqa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali proposta b'rati godda.

11.4.22 Is-Sur Scott Camilleri staqsa jekk kienx minnu li kienet ser issir tinda fuq skate park li kien hemm fil-bajja s-sabiha.
Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi dwar il-materja l-Kunsill Lokali ma kien ircieva ebda komunikat ufficjali.

11.4.23 Is-Sa. Maria Mifsud staqsiet jekk kienx possibbli li jsiru emendi fil-kuntratt tat-tbattil ta' litter bins.
Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv informa lis-sa. Mifsud illi wara li kien iccekkja l-imsemmi kuntratt kien stabilixxa illi ma kienx possibbli li jsiru l-emendi li kienet ipproponiet is-sa. Mifsud.

11.4.24 Is-Sa. Maria Mifsud informat lill-Kunsill bi skema li kien hareg id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali biex jinghata litter bins godda, liema skema wara li kienet ikkonsultat mas-Sindku kienet ser tkun qieghda tiehu hsieb illi l-Kunsill Lokali japplika ghaliha.

11.4.25 Is-Sa. Maria Mifsud infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienu ser ikunu qieghdin jingabru stimi bil-ghan illi jigu installati bankijiet fi pjazza li kien hemm biswit id-depot ta' *Shell*.

11.4.26 Is-Sur Alexander Caruana staqsa lill-Kunsill Lokali jekk kenitx intbaghtet ittra li kellha tintbaghat lill-Onor. Ministru Chris Fearne rigward licenzja ta' spizerija fiz-zona tal-Qajjenza.
Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi l-ittra kienet giet mibghuta.

11.4.27 Is-Sur Alexander Caruana staqsa jekk kienx hemm xi zviluppi rigward bust li l-Kunsill Lokali kien ha decizjoni li jordna bil-ghan illi jigi installat f'post prominenti fil-lokalita'.
Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi kien dispost li jiltaqa' mal-artist bil-ghan illi x-xoghol imsemmi jkun jista' jinbeda u jigi ordnat hekk kif stabbilit.

11.4.28 Il-Kunsillier Alexander Caruana ghamel mistoqsija lis-Sindku rigward kuntratt mal-ghaqda tas-sajjieda u winchrooms.
Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali bi zviluppi dwar il-materja.

11.4.29 Is-Sur Alexander Caruana staqsa lis-Sindku jekk setax jipprocedi b'arrangament ta' parking bays fi Triq Santa Marija skont permess li kien gie mahrug minn Transport Malta.
Is-Sindku infurmah illi ma kellu ebda oggezzjoni kemm il-darba jsir ix-xoghol galadarba kienu hargu l-permessi mehtiega.

11.4.30 Is-Sur Alexander Caruana staqsa jekk kienx gie mniehdi l-process ghax-xiri ta' fanali ghaz-zona ta' Benghisa.
Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv infurmah illi fir rigward kienet inharget sejha ghall-offerti.

11.4.31 Is-Sur Alexander Caruana staqsa jekk kienux inhargu inviti ghal attivitajiet li l-Kunsill Lokali kien qieghed jippjana li jtella matul Dicembru 2019.
Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv infurmah illi l-inviti kienu ser jinhargu hekk kif ikun hemm id-dettalji.

11.4.32 Is-Sur Alexander Caruana staqsa dwar Bus stops fi Triq il-Marnisi, Triq is-Sebhj u Triq Hal Far.
Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi l-amministrazzjoni kienet ser tkun qieghda tiehu hsieb il-materja.

11.4.33 Is-Sur Alexander Caruana ghamel mistoqsija rigward CCTV cameras biswit bring-in-sites.
Il-Kunsillier Scott Camilleri aggorna lill-Kunsill Lokali dwar il-materja. (Qiegħdin nistennew linji gwida mir-Reġjun)

11.4.34 Is-Sur Alexander Caruana staqsa lill-Kunsill Lokali jekk kienx hemm xi zviluppi rigward ATM li kienet giet diskussa biex tigi installata fiz-zona tal-Qajjenza mill-bank HSBC.
Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv aggorna lill-Kunsill Lokali dwar il-materja.

11.4.35 Is-Sur Alexander Caruana aggorna lill-Kunsill Lokali rigward *communal reserved parking bays* li l-Kunsill Lokali kien qieghed jippjana li jimplimenta fi Triq Sant'Anglu u Triq San Pietru.

11.4.36 Is-Sur Alexander Caruana staqsa lill-Kunsill Lokali fiex kien wasal il-process ta' installazzjoni ta' *traffic calmers* f'numru ta' toroq.

Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv aggorna lill-Kunsill Lokali dwar il-materja u nforma lill-Kunsilliera illi x-xoghol kien gie ordnat

11.4.37 Is-Sur Alexandere Caruana staqsa lis-Sindku jekk kienx possibbli li tintalab awtorizzazzjoni sabiex issir traffic calmer fi Triq il-Fossili.
Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi ma kellu ebda problema jressaq talba lil Transport Malta hekk kif mitlub.

11.4.38 Is-Sur Alexander Caruana talab lis-Sindku informazzjoni dwar laqgha li l-Kunsill Lokali kellu rigward pompa tal-petrol li kien hemm f'Misrah is-Summit.
Is-Sindku informa lill-Kunsilliera b'dak li kien gie diskuss waqt l-imsemmija laqgha ma' rapprezentanti tal-Ministeru ghat-Turizmu.

11.4.39 Is-Sa. Josette Busuttil infurmat lill-Kunsill Lokali illi minn informazzjoni li kellha kumpanija privata kienet ressqet protest gudizzjarju fil-Prim Awila tal-Qorti Civili b'konnessjoni ma' bus shelters li kienu gew installati madwar Malta.

11.4.40 Is-Sa. Josette Busuttil staqsiet lill-Kunsill Lokali jekk kenitx qieghda tittiehed azzjoni rigward rapporti li l-kollettur tal-iskart kien qieghed ihallat l-iskart tal-borza organika ma dak tal-borza s-sewda.
Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi fir-rigward kienu saru rapporti lil ERA bil-ghan illi jsiru l-verifiki mehtiega.

11.4.41 Is-Sa. Josette Busuttil staqsiet lis-Sindku jekk kenitx ser tittiehed azzjoni rigward bankina sfrundata li kien hemm biswit il-bajja ta' San Gorg.
Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi x-xoghol kien ser ikun qieghed isir mill-haddiema tal-Public Works.

11.4.42 Is-Sa. Josette Busuttil staqsiet lis-Sindku jekk kienx hemm il-hsieb illi jinbeda x-xoghol fi Gnien il-Papa.
Is-Sindku meghjun mill-Kunsillier Stanley Zammit aggorna lill-Kunsill Lokali dwar il-materja.

11.4.43 Is-Sa Josette Busuttil staqsiet lis-Sindku dwar is-sitwazzjoni tal-latrini pubblici fil-lokalita'.
Is-Sindku meghjun mid-Deputat Segretarju Ezekuttiv aggorna lill-Kunsill Lokali dwar il-materja.

11.4.44 Is-Sa. Josette Busuttil staqsiet lis-Sindku jekk kienx hemm il-pjan li tittiehed azzjoni rigward problema ta' gharghar li kien hemm fiz-zona tal-Qajjenza kawza tax-xita.
Is-Sindku meghjun mill-Kunsillier Stanley Zammit infurmaw lill-Kunsill Lokali illi dwar il-materja kien ser ikun hemm laqgha mal-Perit tal-Kunsill Lokali bil-ghan illi tinstab soluzzjoni

11.4.45 Is-Sa. Josette Busuttil staqsiet dwar konki fi Triq Zarenu Dalli.
Is-Sindku meghjun mill-Kunsillier Stanley Zammit aggornaw lill-Kunsill Lokali dwar il-materja.

11.4.46 Is-Sur Scott Camilleri ghamel mistoqsija rigward tariffi tal-kiri tal-grawnd li kien jinsab fil-bajja s-sabiha.
Is-Sindku informa lis-Sur Camilleri illi l-materja kienet diga' giet diskussa waqt l-istess seduta.

11.4.47 Is-Sur Scott Camilleri ghamel mistoqsija rigward sinjali tat-toroq li kien mehtieg li jsiru fi Triq il-Brolli.
Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi l-materja kienet ser tkun qieghda tiehu hsiebha Infrastructure Malta.

11.4.48 Is-Sur Scott Camilleri staqsa lis-Sindku rigward traffic calmer fi Triq il-Port Hieles.
Is-Sindku aggorna lill-Kunsill Lokali dwar il-materja.

11.4.49 Is-Sur Scott Camilleri ghamel mistoqsija rigward lampa fiz-zona ta' Benghisa.
Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi dwar il-materja kien hemm process ghaddej.

11.4.50 Is-Sur Scott Camilleri ghamel mistoqsija rigward lampa li kienet imwahhla mal-bini fiz-zona ta' Benghisa.
Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv aggorna lill-Kunsill Lokali dwar zvilippi fuq il-materja.

11.4.51 Is-Sur Scott Camilleri staqsa lis-Sindku jekk kienx opportun illi jigi ordnat pop-up banner bl-arma tal-Kunsill Lokali bil-ghan illi jigi espost f'attivitajiet li fihom ikun involut l-istess Kunsill Lokali.
Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi ma kienx isib oggezzjoni kemm il-darba jigi ordnat pop-up banner hekk kif propost.

F'dan l-istadju is-Sindku ressaq mozzjoni biex skont artiklu 6(a) tas-Sitt Skeda tal-Att dwar il-Gvern Lokali tinbidel l-ordni tas-seduta u jigi diskuss item 11.6. Is-Sur Scott Camilleri ssekonda l-proposta tas-Sindku u kien hemm votazzjoni unanima.

**11.6 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

11.6.1 Is-Sindku ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-riferenza 11/19 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa. (Anness DOK A1).

11.6.2 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Alexander Caruana ssekondata mill-Kunsilliera Josette Busuttil, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija bir-riżultat ikun favur *nem con*.

11.6.3 Is-Sindku ippreżenta r-rapport ta' nfiq mill-*Petty Cash* għal Ottubru 2019 bir-riferenza 10/2019 (Anness Dok A2), li ġie ċċirkolat minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għalhekk ġie kkunsidrat bħala moqri.

11.6.4 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera Maria Mifsud u ssekondata mill-Kunsillier Carlo Stivala, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tar-rapport imsemmi bir-riżultat ikun favur unanimament

**Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

Is-Seduta giet fi tmiemha fit-8:30 p.m. minghajr ma giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghal nhar it-Tnejn 16 ta' Dicembru 2019 fis-7:00 p.m.

Konfermati, illum 3 ta' Frar, 2020.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ________________ | _________________ |
| Joseph Farrugia | Duncan Hall |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |